PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

27.11.2013 B7-0401/2013

# PROPOSTA GĦAL ATT TAL-UNJONI

imressqa skont l-Artikolu 47(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-regoli tat-tikkettar volontarju fir-rigward tal-informazzjoni relatata mal-idoneità tal-ikel għal veġetarjani u l-vegani

**Ismail Ertug (S&D), Georgios Koumoutsakos (PPE), Petru Constantin Luhan (PPE), Michael Theurer (ALDE), Gesine Meissner (ALDE), Arlene McCarthy (S&D), Dimitrios Droutsas (S&D), Gabriele Zimmer (GUE/NGL), Rebecca Harms (Verts/ALE)**

**B9-0401/2013**

**Proposta għal Att tal-Unjoni dwar ir-regoli tat-tikkettar volontarju fir-rigward tal-informazzjoni relatata mal-idoneità tal-ikel għal veġetarjani u l-vegani.**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 42(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni legali fil-livell tal-UE tat-termini 'veġetarjani' jew 'vegani', it-tikkettar volontarju attwalment hu nieqes milli jkun verament effettiv f'termini ta' protezzjoni kontra l-frodi;

B. billi r-regoli attwali dwar it-tikkettar ma jipprovdux informazzjoni biżżejjed lill-konsumaturi, u b'mod partikolari lill-vegani u lill-veġetarjani; billi diversi prodotti tal-ikel imfassla għall-veġetarjani fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali jew traċċi tagħhom, mingħajr hemm indikazzjoni fuq it-tikketta;

C. billi l-Artikolu 36(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jiddikjara li l-Kummissjoni għandha tadotta atti implimentattivi dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti relatati mal-informazzjoni alimentari volontarja bħala informazzjoni dwar l-idoneità ta' prodott tal-ikel għall-veġetarjani u l-vegani;

1. Iqis li huma meħtieġa regoli adegwati u armonizzati dwar it-tikkettar tal-prodotti għall-vegani u l-veġetarjani biex il-konsumaturi tal-UE jkunu jistgħu jwettqu fil-prattika l-għażliet tad-dieta tagħhom;

2. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2014 u fuq il-bażi tal-Artikolu 36(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, abbozz ta' att implimentattiv dwar it-tikkettar volontarju relatat mal-informazzjoni dwar l-idoneità tal-prodotti tal-ikel għall-veġetarjani jew il-vegani.

---

[1] ĠU L 304, 22.11.2011.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-UE, bħala l-akbar suq dinji tal-konsumaturi, għandha għadd sinifikanti ta' konsumaturi li, għal raġunijiet morali, reliġjużi jew ta' saħħa, jagħżlu dieta mingħajr prodotti li joriġinaw mill-annimali jew minn ċerta annimali. Minkejja d-dħul fis-seħħ fl-2011 tar-Regolament 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi u tal-Artikolu 36(3)(b) tiegħu, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tippreżenta atti implimentattivi dwar regoli li jiggvernaw it-tikkettar volontarju relatat mal-informazzjoni dwar l-idoneità ta' prodott tal-ikel għall-veġetarjani jew il-vegani, għad m'hemmx definizzjoni legali tat-termini 'veġetarjan' u 'vegani' fil-livell tal-UE. Din il-proposta għal Att tal-Unjoni għalhekk tistieden lill-Kummissjoni biex mingħajr telf ta' ħin tressaq l-atti implimentattivi msemmija hawn fuq biex tippermetti lill-konsumaturi Ewropej iwettqu l-għażliet tad-dieta tagħhom.